MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2003

Citazzjoni Numru. 30/1991/1

Citazzjoni numru 30/1991

Gregory Parnis

-vs-

Alice Agnes Franck li b'nota tas-17 ta' Awissu 1994 Dr Michael Grech LL.D. assuma l-atti tal-kawza stante li l-konvenuta tinsab imsiefra

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni ta' l-attur fejn wara li ppremetta illi fuq inkarigu ta' l-istess konvenuta, l-attur esegwixxa xoghol ta' appalt konsistenti f'xoghol ta' tibjid, tqieghed ta' drenagg, bini ta' kamra u xoghol iehor affini, kif ukoll xiri ta' diversi oggetti u materjal ta' bini ghall-beneficcju ta' l-istess

konvenuta u dana in konnessjoni mal-bini u xoghol ta' kostruzzjoni li sar fil-fond bla numru u bl-isem "Tobago", Simar Valley Street, Qala, Ghawdex.

Illi ta' l-istess xoghol u materjal u spejjez minfuqa mill-istess attur ghall-beneficcju tal-konvenuta, l-attur baqalu jiehu bilanc ta' elfejn seba' mija u tmienja u tmenin lira u sitta u disghin centezmu (Lm2,788.96) u dana kif jidher mill-anness kont Dokument A;

Illi l-konvenuta nonostante li giet interpellata sabiex thallas il-bilanc ta' elfejn seba' mija u tmienja u tmenin lira u sitta u disghin centezmu (Lm2,788.96) minnha dovuti, dina baqghet inadempjenti.

Talab li din il-Qorti:

1. tikkundanna lill-konvenuta sabiex thallas lill-attur il-bilanc ta' elfejn seba' mija u tmienja u tmenin lira u sitta u disghin centezmu (Lm2,788.96) lilu dovuti skond kif spjegat hawn fuq.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-hamsa u ghoxrin (25) ta' Jannar 1991 u tal-Mandat kawtelatorju ta' Impediment ta' Safar (Numru 23/91) u bl-ingunzjoni ta' l-istess konvenuta ghas-subizzjoni li minn issa hija mharka ghaliha.

Bl-imghaxijiet ukoll skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attur debitament guramentata kif ukoll il-lista tax-xhieda annessa.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuta fejn eccepiet:

1. in-nuqqas ta' integrita' tal-gudizzju billi l-appalt ma kienx gie mehud mill-attur wahdu izda mill-attur u persuna ohra strangiera flimkien;

2. illi l-ammont mitlub mill-attur huwa esagerat billi l-konvenuta gia halset ferm iktar mill-hlas gust ghax-xoghol kollu esegwit minnu;

3. illi inoltre, il-hlasijiet pretizi jmorru oltre r-rati miftehma fil-bidu tax-xoghol;

4. illi hafna mix-xoghol maghmul mill-attur huwa ta’ kwalita’ pessima u kif jigi dettaljatament ippruvat fil-kors tal-kawza, l-esponenti kellha tinkariga terzi sabiex jirrettifikaw dan ix-xoghol.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt u d-drittijeit tal-kovnenuta ghad-danni fil-konfront ta’ l-attur.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuta debitament kif ukoll il-lista tax-xhieda annessa.

Ezaminat il-provi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Il-meritu tal-vertenza hi kwistjoni purament teknika u din il-Qorti, diversament preseduta, kienet innominat perit tekniku fil-persuna tal-Perit Arkitett Albert Cauchi sabiex jirrelata dwar il-vertenzi bejn il-partijiet. Tali vertenzi kienu jikkonsistu filli l-attur allega li esegwixxa appalt fuq inkarigu tal-konvenuta konsistenti f’xoghol ta’ tibjid, tqeghid ta’ drenagg, bini ta’ kamra u xoghol iehor affini. Hu sostna li tax-xoghol li ghamel baqalu jiehu bilanc ta’ elfejn seba’ mija tmienja u tmenin lira Maltin u sitta u disghin centezmu (Lm2,788.96) li jinkludi spejjez ta’ materjal. Da parti taghha l-konvenuta rrespingiet il-pretensjoni ghall-hlas mill-attur billi sostniet li gja halest ferm aktar mill-prezz gust ghax-xoghol u x-xoghol kien ta’ kwalita’ pessima tant li nkorriet fi spejjez ta’ terzi biex tirratifikah.

Illi tajjeb li jigi kkjarifikat f’dan l-istadju li din il-kawza kienet qeghdha timxi kontestwalment ma’ kawza ohra fl-ismijiet Joseph Parnis kontra l-istess konvenuta (citazz 31/91) minhabba meritu affini, li ser tigi wkoll deciza illum, u fejn hemm nominat l-istess perit arkitett bhala espert tekniku.

Issa jirrizulta mill-atti ta' din il-kawza illi l-imsemmi perit arkitett nominat irrelata dwar iz-zewg vertenzi f'relazzjoni wahda li tinsab f'din il-kawza (folio 70 et seq). Illi ghal finijiet ta' din il-kawza hi dik il-parti tar-rapport li jittratta l-meritu ta' din il-kawza li ser jigi konsidrat anke ghaliex, kif ben tajjeb irrilevaw il-periti addizjonali li gew nominati fuq talba tal-attur, jirrisulta li fir-rigward partiti ta' xoghol prettament koncernanti l-meritu ta' din il-kawza gew konfuzi mal-kawza l-ohra li tinvolvi attur distint u separat mill-attur odjern.

Illi mix-xhieda u dokumenti rilevanti ghal din il-kawza u safejn jikkoncernaw lill-attur odjern din il-Qorti ma tistax ma taqbilx pjenament mal-konkluzjonijiet raggunti mill-periti addizjonali liema relazzjoni hi a folio 165 et seq. Qeghdha taghmel taghha ghalhekk il-'konsiderazzjonijiet" taghhom minn paragrafu 9 sa 22 tar-relazzjoni.

Konsegwentement tilqa' t-talba tal-attur limitatament pero' ghas-somma ta' elfejn tliet mija u lira Maltija u wiehed u ghoxrin centezmu (Lm2301.21) li hija s-somma rizultanti u li qeghdha tigi likwidata ghax-xoghol minnu esegwit ghall-konvenuta li konsegwentement qeghdha tigi kkundannata thallas lill-attur l-imsemmija somma ta' Lm2301.21 inkluzi l-ispejjez tal-ittra ufficjali u tal-mandat ta' impediment tas-safar numru 23/91.

Illi in kwantu ghall-ispejjez tal-kawza dawn ghandhom jithalsu kwantu ghall- kwart (1/4) mill-attur u tlett kwarti (3/4) mill-konvenuta bl-imghax dekorribbli mil-lum sal effettiv pagament.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------